MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 647/2012

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax ta’ Marzu tas-sena elf disa mija u erba u disghajn (12/03/1994) (Ara Dok ‘A’ hawn anness li ghandu numru ta’ registrazzjoni mitejn u erbatax tas-sena elf disa mija u erba u disghajn (214/1994)), u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal u cioe’ T li twieled fit-tmienja u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena elf disa mija u erba u disghajn (28/11/1994) u M li twieldet fl-erba ta’ Lulju tas-sena elf disa mija u sebgha u disghajn (04/07/1997) ;

Illil-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn sitt (6) snin u fil-fatt kienu sseparaw bonarjament b'kuntratt redatt minn Nutar Antoine Agius fit-tlieta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (23/06/2006) (Ara Dok 'B' hawn unit) ;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante ili minbarra li ilhom snin twal mifrudin u cioe' ghal aktar minn sitt (6) il-sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-intimata gia' ffurmat rabtiet ma persuna ohra ;

Illi ma hemm l-ebda manteniment reciproku u dana kif hemm stipulat fil-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt ta' Separazzjoni ;

Illi l-esponent pero' ghadu jonora l-obbligu tieghu lejn uliedu li jissoministra manteniment ghalihom kif hemm stipulat fil-klawsola numru tlieta ittra a (3(a)) tal-kuntratt ta' Separazzjoni ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Marzu 1994;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Jannar, 2013;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-23 ta' Gunju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruva ukoll illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni ma hemm l-ebda manteniment reciproku u illi ir-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment lill-uliedu;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------